# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tlieta (3) ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru 169/15 FDP**

**Fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali 947/15**
**Fl-ismijiet**

**Reuben Bonnici (ID 448471M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Automated Revenue Management Services Ltd**

**vs**

**Godwin Ghigo**
**(ID 343676M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippresentat fil-21 ta' Mejju 2015 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-Ittra Ufficjali fuq imsemmija ippresentata fit 30 ta' April 2015 u lilu notifikata fis-6 ta' Mejju 2015 mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta talab lill-Qorti tiddikjara l-pretensjonijiet tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited bhala infondati fil-konfront tieghu u dana ghar-ragunjiet segwenti:

- preliminarjament, ghax is-socjeta ARMS Limited ma tistax taghmel uzu minn dak pprovdut fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 stante illi ma huwiex applikabbli ghaliha;

- preliminarjament ukoll, ghax Charmaine Ghigo ma gietx inkluza fil-proceduri odjernu u ghalhekk tali proceduri kienu nulli, stante illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat illi l-istess Charmaine Ghigo kellha thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma;

- fil-meritu, ir-rikorrenti kien kostrett illi jitlaq mid-dar matrimonjali f'April 2011 u di fatti, fit 2 ta' Mejju 2011 ir-rikorrent kien hallas l-konijiet kollha pendenti, u wara dakinhar kienet Charmaine Ghigo illi kellha thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

Ra ir-risposta tas-socjeta Automated Revenue Services Limited fejn sahqet illi l-Artikolu 466 tal-Kap 12, u partikolarment il-proviso illi hemm fiha, jaghti d-dritt lis-socjeta ARMS Limited tadopera

l-applikazzjoni taghha. Sahqet ukoll illi, filwaqt li ma kellhiex oggezzjoni illi Charmaine Ghigo tiddahhal fil-kaz, huwa ir-rikorrent Godwin Ghigo illi applika originalment ghas-servizz tad-dawl u ilma, li l-kont tieghu fl-ammont ta' €8,385.83 huwa dak dovut bhala kirjiet u imghax sas 27 ta' Mejju 2015. Sahqet, finalment, illi d-digriet tal-Qorti Civili imsemmi mir-rikrorent japplika biss 'inter partes' u ma japplikax ghas-socjeta ARMS Limited.

Ra illi fid 19 ta' Ottubru 2015 il-partijiet qablu illi kellhom jingiebu l-provi unikament dwar l-eccezzjoni imqajjma mir-rikorrent illi l-Artikolu 466 tal-Kap 12 ma' japplikax ghas-socjeta ARMS Limited.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fis 26 ta' Novembru 2015 wara illi l-istess partijiet iddikjaraw illi ma kellhom ebda provi x'jippresentaw u li l-kwistjoni kienet purament kwistjoni legali.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti, fl-eccezzjoni preliminari tieghu, jishaq illi l-azzjoni naxxenti mill-Artiklu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex azzjoni illi setghet tadopera s-socjeta ARMS Limtied.

Huwa ghalhekk necessarju illi jigi ezaminat l-Artikolu 466 tal-Kap 12 ftit aktar fir-reqqa, partikolarment is-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu,

Dana jipprovdi illi

> *Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

Minn harsa akkurata tal-Ligi fuq imsemmija, jidher illi huma tlett kategoriji ta' persuni illi jistghu jadoperaw tali azzjoni:

- kap ta' dipartiment tal-gvern, jew

- persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi, jew

- persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi

Il-Ligi imbghad tikkontempla illi tali azzjoni tista ssir ghal gbir tas-segwenti:

- kull servizz,
- provvista,
- penali,
- kera,
- ċens,
- piżijiet oħra fuq beni,
- kumpens għall-okkupazzjoni
- dritt ta' xi liċenza
- dritt jew taxxa oħra dovuti

Il-Ligi tikkontempla dritt iehor illi jista jingabar, u dana fil-proviso fejn jinghad illi tali azzjoni tista tittiehed ukoll ghall "*ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati*". F'dan il-kaz, madanakollu, il-ligi tipprevedi li f'kaz illi kien hemm xi kontestazzjoni bil-miktub b'mod legali jew registrata da parte ta min minn qed jintalab il-hlas, liema kontestazzjoni issir qabel ma tali persuna tigi notifikata bl-azzjoni a tenur ta' l-Art 466, allura, f'dak il-kaz l-azzjoni a tenur ta' l-Art 466 ma tkunx possibbli.

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, jirrizulta ampjament ippruvat illi s-socjeta Automated Revenue Management Services Limited hija kumpannija awtorizzata sabiex tigbor dak dovut lill korp stabbiliti bil-Ligi, ossija l-Enemalta Coropration u il-Water Servies Corporation, u ghalhekk hija possibbli ghall-istess socjeta tadopera l-azzjoni kkontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 sabiex tigbor il-flejjes dovuti minn utenti ta' l-Enemalta Coropration u il-Water Services Coropration.

Ir-rikorrent, da parte tieghu, ma ressaq ebda prova sabiex juri illi qabel ma gie notifikat bl-Ittra Ufficjali meritu tal-kaz odjern, huwa kkontesta l-kont b'xi mod, u ghalhekk is-socjeta ARMS Limited kellha kull dritt illi tadopera l-azzjoni naxxenti mill-Artikolu 466.

Ghalhekk, l-eccezzjoni preliminari imqajjma mir-rikorrent ma hijiex wahda gustifikata.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat illi l-partijiet qabblu illi tinghata sentenza preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni illi kienet tghid li l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Wara illi rat il-Ligi

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi dina l-kwistjoni billi

**Tichad** tali eccezzjoni preliminari u

**Tiddikjara** illi s-socjeta Automated Revenue Management Services Limited ghandha dritt tadopera l-azzjoni naxxenti mill-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex tigbor ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati

Deciza tali vertenza, il-Qorti tordna illi l-proceduri odjerni jitkomplew sabiex jigu decizi b’mod finali.

Il-Qorti ser tiddeciedi dwar spejjez fl-ahhar tal-kawza.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur